**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 t' April, 2019**

**Talba Nru: 484/2018PM1**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Vs**

**Mandy Cassar (K.I. 446380(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-hdax (11) t' Ottubru, 2018 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li l-intimata tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf, hames mija u sitta u tletin euro u sebghin centezmu (€1536.70) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' telefonija cellulari bil-kont numru 1.11012769 fuq talba u beneficcju tal-intimata u dana kif jirrizulta mill-fattura li kopja taghha giet annessa mal-avviz tat-talba u mmarkata Dok. X1 bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-fattura ezebita in atti bhala Dok. X1 (fol. 2 tal-process) u l-affidavit ta’ Dr. Jeremy Debono a nom u in rapprezentenza tas-socjeta` attrici (Dok. X2 a fol.3 tal-process).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta tat-8 t’April, 2019 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-8 t’April, 2019 u fil-fatt l-intimata ma deheritx sabiex tirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. L-ammont mitlub jinsab ukoll konfermat mill-affidavit ta’ Dr. Jeremy Debono u mill-fattura relattiv ezebita in atti. L-imghaxijiet ghandhom madanakollu jiddekorru mid-data tan-notifika lill-intimat tal-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja fil-konfront tal-intimata a tenur tal-art. 1141 tal-**Kodici Civili** – f’dan il-kaz mid-data tan-notifika lilha tal-azzjoni odjerna u cioe` l-4 ta’ Marzu, 2019.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici is-somma mitluba ta’ elf, hames mija u sitta u tletin euro u sebghin centezmu (€1536.70) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma’ telefonija cellulari bil-kont numru 1.11012769 fuq talba u beneficcju tal-intimata bl-ispejjez u bl-imghax mill-4 ta’ Marzu, 2019 kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**